# Il-kordinament internazzjonali

Fl-ARTIKLU tiegħi ta' erba' ġimgħat ilu, bdejt nagħti ħarsa lejn il-qasam tal-kordinament internazzjonali, qasam li f'dak li huwa sigurtà soċjali ilu jiżviluppa f'pajjiżna sa minn nofs is-snin 50 u li issa laħaq il-qofol tiegħu bid-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea. Dakinhar ittrattajt il-ftehim bilaterali li Malta għandha mal-Awstralja, il-Kanada, ir-Renju Unit, l-Olanda u l-Libja.

Minħabba li ħmistax ilu kont agħmilt parentesi dwar il-55 sena ta' sigurtà soċjali f'pajjiżna li proprju qed niċċelebraw f'dawn il-jiem, illum se nkompli nitkellem dwar il-kordinament internazzjonali billi nitkellem dwar il-benefiċċji li wieħed jista' jikseb taħt ir-regolamenti tal-Unjoni Ewropea dwar is-sigurtà soċjali u kif jista' jiksibhom.

## Il-prinċipji tal-kordinament internazzjonali

Erba' ġimgħat ilu kont semmejt li l-kordinament tas-sistemi tas-sigurtà soċjali ta' żewġ pajjiżi marbutin bi ftehim reċiproku hija essenzjali biex tipprovdi protezzjoni soċjali adegwata lill-ħaddiema li jkunu emigraw lejn il-pajjiżi rispettivi.

Bis-saħħa tat-tħaddim ta' ħames prinċipji ewlenin li wieħed kważi dejjem isibhom fi ftehim bilaterali dwar is-sigurtà soċjali, Malta rnexxielha li tikkordina s-sistema tas-sigurtà soċjali tagħha ma' ta' pajjiżi oħrajn. Dawn il-prinċipji fundamentali li Malta tapplika fit-tħaddim ta' dawn il-ftehim bilaterali huma (i) it-totalizzazzjoni (jew aggregazzjoni) tal-perjodi ta' assigurazzjoni fl-iskemi tas-sigurtà soċjali rispettivi, (ii) il-portabilità tal-benefiċċji, (iii) id-determinazzjoni tal-leġiżlazzjoni applikabbli, (iv) it-trattament ugwali, u (v) id-dritt għal benefiċċji pro-rata.

Ha nfakkar ftit fiex jikkonsistu dawn il-prinċipji għax wieħed imbagħad jifhem aktar kif joperaw ir-regolamenti tal-Unjoni Ewropea li se nitkellem dwarhom illum.

Totalizzazzjoni (jew aggregazzjoni): Dan il-prinċipju jgħin lil persuna li tilħaq il-perjodu minimu ta' assigurazzjoni li għandha bżonn f'xi skema ta' pajjiż biex tikkwalifika għal xi benefiċċju jew aktar f'pajjiż ieħor. Dan isir billi jkunu magħduda l-perjodi ta' assigurazzjoni u/jew impjieg f'pajjiżi differenti. Naturalment dan japplika biss għal dawk il-pajjiżi li jkunu marbuta bi ftehim bilaterali jew multilaterali (ara wkoll punt 5);

Portabilità: Ftehim bilaterali jew multilaterali jassigura li l-pensjonijiet jitħallsu anke barra l-pajjiż. Mela bħalma persuna li għandha dritt li titħallas il-pensjoni minn Malta din tirċeviha anke jekk ma tkunx qed tgħix Malta, l-istess isir mill-pajjiż l-ieħor jew il-pajjiżi l-oħrajn li miegħu jew magħhom ikun hemm ftehim;

Il-leġiżlazzjoni applikabbli: Ftehim bħal dan jistabbilixxi wkoll liema għandha tkun il-leġiżlazzjoni applikabbli f'każi fejn persuna kienet jew qiegħda taħdem f'pajjiż iżda tgħix f'ieħor. Allura dan jirregola f'liema pajjiż għandhom, bħala eżempju, jitħallsu l-kontribuzzjonijiet biex ma jkunx hemm ħlas doppju għall-istess impjieg. Jistabbilixxu wkoll f'liema ċirkostanzi jitħallsu l-benefiċċji u mil-liema pajjiż;

Trattament Ugwali: Ftehim bħal dan, biex jitħaddem sew, jiggarantixxi li l-persuni li jgħixu f'pajjiż firmatarju tal-ftehim jiġu ttrattati l-istess bħal dawk li jgħixu fil-pajjiż l-ieħor firmatarju u viċi-versa fl-aspetti kollha tas-sigurtà soċjali li jkunu stipulati fl-istess ftehim;

Drittijiet pro-rata: Bħala strument legali, ftehim bħal dan jiddefinixxi l-mod kif il-pajjiżi marbutin bih iħallsu l-benefiċċji u b'liema rati (pro-rata). Dawn jiġu applikati l-aktar meta persuna ma jkollhiex biżżejjed kontribuzzjonijiet, perjodi ta' assigurazzjoni jew residenza f'pajjiż wieħed biex tibbenefika minn xi benefiċċju jew pensjoni f'dak il-pajjiż u jkollha tirrikorri għal kontribuzzjonijiet, perjodi ta' assigurazzjoni jew residenza li jkollha f'pajjiż ieħor jew aktar bis-saħħa tal-prinċipju tat-totalizzazzjoni (ara wkoll punt 1). Għalhekk meta persuna ma jkollhiex biżżejjed kontribuzzjonijiet jew perjodi ta' assigurazzjoni f'pajjiż, il-kontribuzzjonijiet, perjodi ta' assigurazzjoni jew residenza li l-persuna jkollha fit-tieni pajjiż (jew aktar) jitqiesu daqs li kieku kienu fl-ewwel pajjiż u jiġu magħdudin flimkien. L-ewwel pajjiż imbagħad jistabbilixxi r-rata proprja fuq bażi pro-rata li tkun proporzjonali skont il-kontribuzzjonijiet, perjodi ta' assigurazzjoni jew residenza fl-ewwel pajjiż imqabbla mal-kontribuzzjonijiet, perjodi ta' assigurazzjoni jew residenza totali fiż-żewġ pajjiżi. F'dan il-każ it-tieni pajjiż jagħmel l-istess u jħallas il-parti tiegħu wkoll.

Il-prinċipju tal-pro-rata japplika l-aktar għall-pensjonijiet. Għall-benefiċċji l-oħrajn jiġi applikat il-prinċipju tat-totalizzazzjoni li semmejt fuq u l-benefiċċju jitħallas sħiħ mill-pajjiż li jitqies bħala legalment kompetenti li jħallsu, skont id-dispożizzjonijiet tar-regolamenti li issa se nsemmi.


Bis-saħħa tat-tħaddim ta' ħames prinċipji ewlenin li wieħed kważi dejjem isibhom fi ftehim bilaterali dwar is-sigurtà soċjali, Malta rnexxielha li tikkordina s-sistema tas-sigurtà soċjali tagħha ma' ta' pajjiżi oħrajn

## Malta fl-Unjoni Ewropea

Bid-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea, il-kordinament internazzjonali tas-sigurtà soċjali jsir primarjament bis-saħħa ta' regolamenti apposta li joperaw fuq bażi multilaterali u li huma bbażati fuq l-istess prinċipji li fuqhom huma msawra l-ftehim bilaterali u li semmejt aktar qabel. L-akbar differenza hija li dawn ir-Regolamenti li huma (KE) 883/04 u (KE) 987/09, joperaw fuq bażi multilaterali. Fl-istess waqt huma aktar komprensivi mill-ftehim bilaterali li semmejt qabel.

Dawn ir-regolamenti naturalment japplikaw għall-Istati Membri kollha tal-UE li huma l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, l-Olanda, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, l-Iżvezja, ir-Renju Unit (inkluża Ġibiltà). Għalkemm mhumiex stati membri tal-UE, dawn ir-regolamenti japplikaw ukoll għall-Iżlanda, in-Norveġja, il-Lichtenstein u l-Iżvizzera.

Issa se nagħti ħarsa lejn oqsma differenti li huma koperti b'dawn ir-regolamenti u x'benefiċċji, drittijiet u obbligi wieħed għandu taħt dawn ir-regolamenti. Mit-tagħrif li se nagħti wieħed jista' jirrealizza li dawn id-dispożizzjonijiet jitħaddmu fuq il-prinċipji li semmejt fuq.

## Ħaddiema stazzjonati, immigrati jew tal-fruntieri

Jekk wieħed ikun residenti f'Malta iżda jaħdem fi Stat Membru ieħor (minn dawk li semmejt fuq) bħala impjegat jew jaħdem għal rasu, ġeneralment ikun assigurat taħt il-liġijiet tal-assigurazzjoni soċjali tal-pajjiż fejn ikun qed jaħdem. Normalment, dan ma jkollux għaliex iħallas il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali Maltija, iżda dan mhux dejjem ikun il-każ.

Jista' jkun hemm regoli differenti għal kull wieħed minn dawn il-każijiet li ġejjin:

- meta tkun qed taħdem fi Stat Membru ieħor u min iħaddmek ikun Malti;
- meta tkun taħdem għal rasek għal perjodu ta' żmien qasir fi Stat Membru ieħor;
- meta tkun impjegat u taħdem f'żewġ Stati Membri jew aktar;
- meta tkun taħdem għal rasek f'żewġ Stati Membri jew aktar;
- meta tkun taħdem għal rasek fi Stat Membru partikolari iżda impjegat fi Stat Membru ieħor;
- meta tkun taħdem Malta iżda min iħaddmek ikun ibbażat fi Stat Membru ieħor; jew
- meta tkun taħdem għal rasek u ġej minn Stat Membru ieħor iżda taħdem Malta.

Jekk xi ħadd jaqa' (jew fil-futur jaqa') f'waħda mix-xenarji li semmejt fuq, għandu jiċċekkja mad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali dwar ta' liema Stat Membru hija l-leġiżlazzjoni applikabbli u għalhekk jekk huwiex iħallas il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali li suppost iħallas.

## Benefiċċju għal qgħad

Jekk xi ħadd ikun qed jirċievi il-benefiċċju kontributorju għal qgħad minn Malta u ilu jirreġistra għax-xogħol għal mhux inqas minn erba' ġimgħat mal-Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ (l-ETC), dan jista' jmur jirreġistra għax-xogħol fi Stat Membru ieħor u jkompli jirċievi dan il-benefiċċju sa mhux aktar minn tliet xhur wara. Huwa importanti li nsemmi li hawn qed nirreferi għall-benefiċċju kontributorju għal qgħad u mhux l-għajnuna soċjali għal nies qiegħda.

F'każ li xi ħadd jagħżel li jmur ifittex ix-xogħol fi Stat Membru ieħor kif spjegajt fuq, il-benefiċċju kontributorju tal-qgħad jitħallas lilek direttament mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali ta' Malta fl-Istat Membru l-ieħor. Qabel ma jitlaq minn Malta, huwa importanti li tkun imtliet il-formola U2. Din il-formola tkun trid tingħata lis-servizzi tal-impjieg fl-Istat Membru fejn il-persuna tkun marret tfittex ix-xogħol.

Fl-Istat Membru fejn xi ħadd ikun mar ifittex ix-xogħol, dan irid jirreġistra għax-xogħol u joqgħod għar-regoli ta' dak l-Istat Membru marbuta mad-disponibbiltà tiegħu għall-impjieg. Fil-fatt, dan jista' jirċievi l-benefiċċju biss waqt li u jekk ikun irreġistrat mal-uffiċċju tal-impjiegi fl-Istat Membru l-ieħor. Huwa jkun obbligat li jirreġistra fi żmien sebat ijiem minn meta jkun telaq minn Malta u jrid jimxi skont il-proċeduri speċifikati mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali qabel it-tluq tiegħu mill-pajjiż, inkella jista' jkun hemm waqfien fid-drittijiet tiegħu għall-benefiċċju.

Xi ħadd li jagħżel li jmur fi Stat Membru ieħor biex ifittex ix-xogħol irid iżomm f'rasu li jista' jkun hemm dewmien qabel ma jirċievi l-ewwel pagament tiegħu tal-benefiċċju wara li jkun telaq minn Malta. Għal aktar tagħrif dwar benefiċċji għan-nies qiegħda fi Stat Membru ieħor wieħed għandu jikkuntattja lit-Taqsima għar-Relazzjonijiet Internazzjonali fid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali.

## Benefiċċju għal mard

Jekk wieħed kien assigurat l-aħħar taħt l-iskema Maltija tas-Sigurtà Soċjali, jiġifieri kien qed iħallas il-kontribuzzjonijiet f'Malta, dan jista' jkun intitolat għal benefiċċju kontributorju għal mard (fi flus) minn Malta jekk jimrad waqt li jkun qed iżur xi Stat Membru ieħor (eżempju waqt btala).

Dan iżda japplika biss jekk (i) ikollu bżonn intervent mediku urġenti f'dak il-pajjiż, jew (ii) jekk jimrad waqt li jkun resi-

*IMPORTANTI: L-informazzjoni li qiegħda tingħata f'din ir-rubrika mhijix intenzjonata li titqies bħala parir legali dwar xi drittijiet għal kwalunke benefiċċju soċjali jew materja oħra ta' sigurtà soċjali. L-għan ta' din ir-rubrika huwa purament u unikament biex tingħata informazzjoni ġenerali dwar is-sistema tas-sigurtà soċjali f'Malta. Għal aktar tagħrif tista' żżur il-websajt tagħna www.socialsecurity.gov.mt, tibgħat imejl fuq social.security@gov.mt, tista' tmur f'wieħed mill-uffiċċji distrettwali tagħna f'Malta u Għawdex jew inkella ċċempel fuq in-numru 159 jew 25903000.*

# (2)





**MARK MUSÙ**
Direttur għall-Iżvilupp Strateġiku u Relazzjonijiet Internazzjonali – Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali

denti jew jaħdem hemm, jew (iii) jekk jimrad waqt li jkun qed ifittex ix-xogħol f'dak il-pajjiż u waqt li tkun qed tirċievi il-beneficċju għal qgħad minn Malta, jew (iv) jekk diġà tkun qed tirċievi beneficċju għal mard minn Malta u tmur lura lejn l-Istat Membru fejn tgħix normalment, jew (v) tmur toqgħod fi Stat Membru ieħor. Naturalment mhux dejjem wieħed ikollu dritt f'każi bħal dawn. Huwa importanti wkoll li nsemmi li hawn qed nirreferi għall-beneficċju għal mard kontributorju u mhux l-għajnuna medika li tingħata lil min ikollu dħul baxx.

Tajjeb li ngħid li jekk wieħed ikun qed jirċievi l-beneficċju kontributorju għal mard minn Malta u jkun sejjer lejn Stat Membru ieħor, dan huwa obbligat li jiċċekkja mad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali biex jgħidlu jekk dan is-safar ikunx se jaffettwalu l-beneficċju tiegħu. Huwa importanti wkoll li wieħed ikun jaf li jekk xi ħadd imur fi Stat Membru ieħor għal trattament mediku, dan jeħtieġ l-awtorizzazzjoni tal-awtoritajiet tas-saħħa Maltin qabel isiefer. Jekk ma jsirx jekk jista' jkun li ma jkunx kopert waqt iż-żjara tiegħu barra minn Malta.

## Beneficċju għal maternità

Normalment, taħt ir-regolamenti tal-Unjoni Ewropea dwar is-sigurtà soċjali, mara tkun intitolata għal beneficċju għal maternità minn Malta jekk tkun residenti jew taħdem f'Malta, jew jekk tkun qed tfittex ix-xogħol u qed tirċievi beneficċju għal qgħad minn Malta. Tista' tkun intitolata ukoll jekk tkun diġà qed tirċievi l-beneficċju għal maternità minn Malta u tmur lura lejn l-Istat Membru li fih normalment tkun residenti, jew tmur tgħix fi Stat Membru ieħor.

Madankollu, jista' jkun hemm ċerti eċċezzjonijiet u għalhekk mara li tkun waslet biex twelled u tkun se ssiefer, speċjalment għal tul ta' żmien, għandha tiċċekkja mad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali biex tiżgura li żżomm id-dritt tagħha li tirċievi l-beneficċju. L-istess għandha tagħmel jekk tkun qed tirċievi l-beneficċju għal maternità u tkun se ssiefer. F'kull każ, għandha tiċċekkja wkoll mad-Diviżjoni tas-Saħħa jekk tkun se tmur lejn Stat Membru ieħor biex tingħata trattament mediku.

## Korriment jew mard ikkawżat mix-xogħol

Jekk wieħed, waqt li jkun qed jaħdem f'pajjiż, jisfa invalidat jew ma jistax jaħdem minħabba korriment fuq ix-xogħol jew minħabba li jkun qed ibati minn mard ikkawżat direttament min-natura tax-xogħol, jista' jkun intitolat għal beneficċju għal korriment fuq ix-xogħol. Sa ċertu punt, f'dan il-każ japplikaw regolamenti simili għal dawk li japplikaw għal beneficċju għal mard.

Madankollu, mhux kull każ imsemmi fuq huwa l-istess u għalhekk min ikun irid aktar tagħrif dwar id-drittijiet tiegħu għal dan il-beneficċju għandu jikkuntattja lit-Taqsima tar-Relazzjonijiet Internazzjonali fid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali.

## Beneficċji oħrajn

Hemm beneficċji oħrajn li wieħed jista' jkollu dritt għalihom, fosthom pensjonijiet, taħt ir-regolamenti tal-Unjoni Ewropea dwar is-sigurtà soċjali. Madankollu dwar dan inkompli nikteb fl-artiklu tiegħi ta' ħmistax oħra li se jġibni fit-tmiem ta' dawn l-artikli ta' tagħrif dwar is-sigurtà soċjali.

---

*Staqsi lis-Sur Mark Musù billi tikteb lil:*
**Paġna Sigurtà Soċjali, l-orizzont, A41 Qasam Industrijali, Marsa, MRS3000**
*inkella b'imejl bis-suġġett "Paġna Sigurtà Soċjali" fuq* ***ittri@unionprint.com.mt.*** *Il-mistoqsijiet iridu jkunu ta' interess ġenerali, mhux każi privati jew personali.*